MALTA

# QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 49/2012

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u tnejn u sebghin (1972) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Clinton Bellizzi mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u erbgha (2004) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-esponenti fforma rabtiet ma persuni ohrajn/familji godda;

Illi m'hemm l-ebda maneniment dovut f'dan l-istadju stante li l-ulied huma llum kollha maggorenni u l-fuq minn tlieta u ghoxrin sena u ghalkemm l-intimata hija intitolata ghal manteniment skond Klawsola 5 tal-kuntratt, l-esponenti ghad fadallu manteniment imhallas ghall-aktar minn seba' snin skond l-anness ftehim (Dok C);

Illi dawn il-fatti hawn fuq isemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata illi permezz taghha wara li eccepiet:

1. Illi, kwantu ghall-manteniment dovut lilha mir-rikorrent u b'referenza ghar-raba' premessa fir-rikors promotur, tippreċiża illi l-manteniment kollu li gie lilha mħallas, effettivament permezz ta' assenjazzjoni mir-rikorrent lilha ta' sehem indiviz minn proprjeta' immobbli bis-saħħa ta' kuntratt tat-3 ta' Dicembru, 2009 fl-atti tan-Nutar Ian Castaldi Paris (Dok. C esebit mar-rikors promotur), ikopri lir-rikorrent sal-iskadenza inkluza ta' Awwissu, 2018 u ghalhekk kif stipulat fl-imsemmi kuntratt,

speċifikament fil-klawsola numru 5, citata anke mir-rikorrent, "... *b'effett mill-iskadenza ta' Settembru, 2018, ir-Ragel jerga' jibda jhallas regolarment u in perpetwu lill-Mara is-somma ta' €291.17 (mitejn u dsatax –il euro u sbatax –il centezmu) fix-xahar, bħala rata ta' manteniment stipulata fil-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi tat-28 ta' April 2004.",* b'dan l-ahhar kuntratt esebit ukoll mar-rikors promotur bhala Dok. B;

2. Illi kwantu ghall-kumplament tal-premessi fir-rikors promotur, hija taqbel;

3. Illi kwantu ghat-talbiet ghall-ksib tad-divorzju hija ma topponix.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat in-nota tal-intimata illi permezz taghha iddikjarat li taghzel illi tirriverti ghal kunjom xbubita Sammut;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' April 2004;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju peress illi l-ulied tal-partijiet illum huma maggorenni u illi il-manteniment dovut lill-intimata dejjem thallas regolarment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------